# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 23**

**Rikors numru 103/15/1 FDP**

**Cassar Fuel Limited (C-28453)**

**v.**

**Il-Bastiment bl-isem MV Baltic Wind li għandha IMO Numru 9261401 u O.W. Bunker Spain SL u, b'digriet tat-23 ta' Frar, 2015, ġew maħtura Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Mario Mifsud Bonnici bħala kuraturi tas-soċjeta` estera O.W Bunker Spain SL għal finijiet kollha tal-Liġi u b'digriet tal-10 ta' Mejju, 2022, stante l-mewt tal-PL Mario Mifsud Bonnici ġie maħtur il-PL Daniel Aquilina bħala kuratur minflok il-PL Mario Mifsud Bonnici**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ta' Darren Marmara in rappreżentanza tas-soċjeta` attriċi Cassar Fuel Limited, ippreżentat bil-procedura sommarja specjali fl-4 ta' Frar, 2015, li permezz tiegħu ngħad:

*"1. Jiena nkarigat bħala Kap Eżekuttiv tas-soċjeta' rikorrenti.*

*2. Illi fit-(13) ta' Ottubru 2014 is-soċjeta' rikorrenti biegħet u debitament ikkonsenjat lill-vapur M/V BALTIC WIND, kwantita ta' fuel oil għall-prezz ta' mija u sebgħa u sebgħin elf, sebgħa mija u sebgħa u tletin dollaru amerikan u tlieta u erbgħin ċenteżmu (USD 177,737.43) ekwivalenti għall- mija u sebgħa u ħamsin elf, tlett mija u tnejn u sebgħin euro ( €157,372.00) tal-invoice annessa u mmarkata Dok AB u kopja tal-aċċettazjoni tal-konsenji mill-Bastiment magħrufa bħala Bunker Delivery Note mmarkata Dok BB.*

*3. Illi għalhekk il-bastiment u jew l-aġent minnu maħtur jew min minnhom għandu jħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma totali ta' mija u sebgħa u sebgħin elf, sebgħa mija u sebgħa u tletin dollaru amerikan u tlieta u erbgħin ċenteżmu (USD 177,737.43) ekwivalenti għall-mija u sebgħa u ħamsin elf, tlett mija u tnejn u sebgħin euro ( €157,372.00).*

*4. Illi għalkemm interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-imsemmi sidien tal-Bastiment naqsu illi jħallsu. In segwitu għall-arrest tal-Bastiment permezz tal-mandat ta' arrest tal-bastiment Numru 117/15 JRM l-istess bastiment ddeposita l-imsemmi ammont il-Qorti b'ċedola hawn mmarkata Dok CC opportuna sabiex dan l-ammont jiġi sbankat minn min għandu dritt għalihom skond il-liġi f'każ ta' deċiżjoni favur s-soċjeta' attriċi.*

*5. Illi l-ammont dovut favur is-soċjeta' rikorrenti huwa ċert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess soċjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi kollha taħt l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta), peress li fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti s-soċjeta' intimata m'għandha l-ebda eċċezzjoni valida skond il-liġi xi tressaq kontra t-talbiet rikorrenti.*

*Illi l-imsemmi bastiment in effetti iddeposita permezz ta' ċedola 115/15 opportuna fl-atti tal-mandat ta' arrest kawtelatorju 117/15 is-somma ta' mija u sebgħa u ħamsin elf, sebgħa mija u sebgħa euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€157,707.37) sabiex seta' jiġi revokat il-mandat tal-arrest fuq l-imsemmi bastiment.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tgħid is-soċjeta' intimata, għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

*1). Tiddeċiedi din l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, għall-finijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*2). Tiddikjara illi l-Bastiment u / jew s-soċjeta' intimata għandhom jagħtu lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' mija u sebgħa u sebgħin elf, sebgġa mija u sebgħa u tletin dollaru amerikan u tlieta u erbgħin ċenteżmu (USD 177,737.43) ekwivalenti għall-mija u sebgħa u ħamsin elf, tlett mija u tnejn u sebgħin euro (€157,372.00), u dana oltre l-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha piu l-ispejjeż legali u spejjeż ġudizzjarji għall-mandat ta' arrest 117/15 .*

*3). Tikkundanna lill-Bastiment u /jew is-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' mija u sebgħa u sebgħin elf, sebgħa mija u sebgħa u tletin dollaru amerikan u tlieta u erbgħin ċenteżmu (USD 177,737.43) ekwivalenti għall-mija u sebgħa u ħamsin elf, tlett mija u tnejn u sebgħin euro (€157,372.00), u dana oltre l-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha piu l-ispejjeż legali u spejjeż ġudizzjarji għall-mandat ta' arrest 117/15 skont Dokument MB3 anness in kwantu spejjeż ġudizzjarji, extra ġudizzjarji u spejjeż tal-lanċa użata mill-marixxalli tal-Qorti għall-eżekuzzjoni u notifiki opportuni.*

*Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-mandat ta' arrest, ta' dawn il-proċeduri u inkluż l-imgħaxijiet kummerċjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-istess bastiment, li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni."*

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-bastiment MV Baltic Wind li għandu IMO Numru 9261401, ippreżentata fl-24 ta' Marzu, 2015, li permezz tagħha wieġeb:

*"1. Illi t-talbiet attriċi fir-rikors ġuramentat datat 4 ta' Frar 2015 għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi stante illi huma nfondati fill-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet kif ukoll għar-raġunijiet mnisslin fin-nota tas-sottomissjonijiet tal-bastiment Intimat ippreżentatata fl-4 ta' Marzu 2015 ai termini tal-Artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Illi din il-kawża ġiet intavolata wara li l-mandat ta' arrest kawtelatorju (numru 117/2015 SM) kien maħruġ f'isem is-*

*soċjeta' Maltija Cassar Fuel Ltd (C-28453) kontra l-bastiment intimat għas-somma ta' mija u sebgħa u sebgħin elf, sebgħa mija u sebgħa u tletin Dollaru Amerikan, u tlieta u erbgħin ċenteżmu (US$ 177,737.43) ekwivalenti għal mija u sebgħa u ħamsin elf, tlett mija u tnejn u sebgħin Ewro (€ 157,372) allegatament dovuti mill-bastiment intimat għall-fornitura ta' żejt (bunkers) skond fattura numru 021549 li ġiet annessa ma' l-istess mandat.*

*3. Illi preliminarjament l-azzjoni attriċi in kwantu li hija azzjoni in rem intavolata kontra l-bastiment eċċipjenti, ma tistax tissussisti stante li l-Qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni in rem ai termini tal-artikoli relevanti taħt Kapitolu 12 kif ukoll Kapitolu 234 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għas-segwenti raġunijiet;*

*4. Illi mid-dokumentazzjoni annessa mal-imsemmi mandat ta' arrest kif ukoll mar-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi datat 4 ta' Frar 2015 jidher:*

*a. Illi fis-6 ta' Ottubru 2014 is-soċjeta' barranija O.W. Bunker Spain SL ordnat bunkers mingħand is-soċjeta' Maltija Cassar Fuel Ltd. bl-intenzjoni li dawn kellhom jiġu forniti lill-bastiment 'Baltic Wind'. Mill-istess Purchase Order Confirmation jidher ċar li din is-soċjeta' estera kienet ix-xerrejja taż-żejt; Tant hu hekk, illi skond din il-Purchase Order Confirmation l-account indikat huwa fil-fatt dak ta' O.W. Bunker Spain SL;*

*b. Illi nonostante l-istruzzjonijiet li qed jidhru fuq l-imsemmija Purchase Order Confirmation, meta s-soċjeta' Maltija Cassar Fuel Ltd. ħarġet fattura numru 021549 fit-13 ta' Ottubru 2014, indirizzata skorettament lil "Jointly and Severally Owners / Managing Owners / Operations / Managers / Disponent Owners / Charterers / Master and Vessel in Rem of m/v Baltic Wind C/O OW Bunker Spain SL" xorta waħda indikat bħala buyer lis-soċjeta' "O.W Bunkers Switzerland" u difatti fattura tidher mibgħuta lil "Tatiana Carretero", u ċioe' l-istess impjegata tas-soċjeta' O.W. Bunker Spain SL;*

*5. Illi għalhekk, in linea preliminari, ir-rekwiżiti (neċessarji sabiex titmexxa l-azzjoni attriċi bħala azzjoni in rem miġjuba kontra l-bastiment intimat) kontemplati fl-artikolu 742D tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta m'humiex sodisfatti, u kwindi l-azzjoni tal-attriċi in rem miġjuba kontra l-bastiment intimat ma tistax tissussisti u allura, neċessarjament, trid tfalli. Dan billi il-bastiment intimat qatt ma kien u m'huwiex "il-persuna responsabbli in personam versu s-soċjeta' attriċi" (ċioe' mhuwiex ir-"relevant person") kif irid l-imsemmi artikolu 742D.*

*Ir-relevant person hija s-soċjeta' estera O.W. Bunker Spain SL illi magħha kkuntrattat is-soċjeta' attriċi;*

*6. Illi jingħad ukoll l-allegat pretenzjoni ma tgawdix privileġġ speċjali ai termini ta' l-Artikolu 50 tal- Kap 234 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*7. Illi l-azzjoni odjerna m'hija xejn ħlief tentattiv illegali fejn, b'tali azzjoni, s-soċjeta' attriċi qiegħda tipprova tiġbor flus allegatament dovuti lilha mis-soċjeta' O.W. Bunker Spain SL;*

*8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegat kreditu pretiż mis-soċjeta' attriċi m'huwiex u qatt ma kien dovut mill-bastiment intimat u dan għaliex is-soċjeta' O.W. Bunker Spain SL, li ordnat il-bunkers in kwistjoni mingħand is-soċjeta' attriċi, topera bħala bunkering trader u mhux bħala aġent tal-bastiment jew tas-sidien tagħha.*

*Salv Eċċezzjonijiet Ulterjuri."*

3. Rat ir-risposta ta' l-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Rita Drago appuntati Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil O.W. Bunker Spain SL., li permezz tagħha wieġbu:

*"Illi l-esponenti mhux edotti mill-fatti u għalhekk qiegħed jirriserva d-dritt li jippreżenta risposta motivata f'każ u jekk jiġi edott mill-fatti."*

4. Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Ġunju, 2020, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

*"Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-każ fil-konfront tas-soċjeta' O.W. Bunker Trading A/S u ING Bank NV għar-raġunijiet fuq spjegati;*

*Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-Bastiment MV Baltic Wind;*

*Tiċħad l-eċċezzjonijet tas-soċjeta' O.W. Bunker Spain SL kif rappreżentata mill-Kuraturi Deputati;*

*U għalhekk,*

*Tiċħad it-talba tas-soċjeta' rikorrenti fejn din tirrigwarda l-bastiment MV Baltic Wind filwaqt illi;*

*Tilqa' t-talba tas-soċjeta' rikorrenti fejn din tirrigwarda s-soċjeta' O.W. Bunker Spain SL, kif debitament rappreżentanta mill-Kuraturi Deputati Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Mario Mifsud Bonnici u għalhekk;*

*Tikkundanna lis-soċjeta' O.W. Bunker Spain SL tħallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' mija u sebgħa u ħamsin elf, tlett mija u tnejn u sebgħin euro (€157,372.00) ekwivalenti għall-mija u sebgħa u sebgħin elf, sebgħa mija u sebgħa u tletin dollaru amerikan u tlieta u erbgħin ċenteżmu (USD 177,737.43).*

*Spejjeż kollha, kif mitluba fir-rikors promotur, a kariku tas-soċjeta' O.W. Bunker Spain SL, għajr għal dawk l-ispejjeż tal-bastiment MV Baltic Wind, illi għandhom ikunu a kariku esklussiv tas-soċjeta' rikorrenti.*

*Imgħax kif mitlub fir-rikors promotur."*

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"Provi prodotti**

4. Rat ix-xhieda ta' **Darren Marmara**, prodott mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2015. (fol 92)

5. Rat ix-xhieda ta' **Sarah Cassar**, prodotta mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2015. (fol 95)

6. Rat ix-xhieda ta' **Bernice Calleja**, prodotta mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2015.

7. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mar-rikors promotur u kkonfermata mix-xhieda.

8. Rat illi fit-2 ta' Diċembru 2015 is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

9. Rat l-affidavit ta' **Jens Malund Jensen**, ippreżentat mill-Bastment MT Baltic Wind fil-21 ta' April 2016. (fol 104)

10. Rat l-affidavit ta' **Klaus Stamp**, ippreżentat mill-Bastment MT Baltic Wind fil-21 ta' April 2016. (fol 127)

11. Rat l-affidavit ta' **Hanne Kamp Larsen**, ippreżentat mill-Bastiment MT Baltic Wind fil-11 ta' Ottubru 2016.

12. Rat l-affidavit ta' **Jens Malund Jensen**, ippreżentat mill-Bastiment MT Baltic Wind fil-11 ta' Ottubru 2016.

13. Rat is-sentenza tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit datata 11 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet 'PST Energy 7 Shipping LLC and other vs O W Bunker Malta Limited and others' eżebita mill-Bastiment MT Baltic Wind. (fol 161)

14. Rat illi fis-7 ta' Frar 2017 il-Bastiment MT Baltic Wind iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

15. Rat illi fis-7 ta' Frar 2017 il-Qorti ddikjarat illi s-soċjeta' Oil Bunker SL, kif debitament rappreżentata mill-Kuraturi, ma kellhiex provi xi tressaq.

16. Rat illi fit-12 ta' Marzu 2018, ir-rikorrent talab il-kjamat in kawża tas-soċjeta' ING Bank N.V bħala Security Agents għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' OW Bunker & Trading A/S, liema talba ntlaqgħet dakinhar stess.

17. Rat illi fit-13 ta' Marzu 2018 il-Qorti laqgħet it-talba għall-ħatra ta' Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-istess ING Bank N.V.

18. Rat illi fil-25 ta' Gunju 2018 il-Qorti ġiet mgħarrfa illi Dr Victor J Bugeja u l-PL Hilda Ellul Mercer ġew nominati bħala Kuraturi Deputati.

19. Rat illi sad-data tas-sentenza, il-Kuraturi Deputati Dr Victor J Bugeja u l-PL Hilda Ellul Mercer qatt ma ġew notifikati bl-atti u lanqas ma sar ebda tentattiv ta' notifika u għalhekk qatt ma daħħlu risposta.

20. Rat illi fil-21 ta' Ottubru 2019, il-partijiet għarrfu lill-Qorti illi l-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijet finali.

21. Rat is-sottomissjonijet tas-soċjeta' rikorrenti ippreżentati fl-10 ta' Diċembru 2019. (fol 330)

22. Rat is-sottomissjonijet tal-bastiment MV Baltic Wind ippreżentati fit-3 ta' Marzu 2020.

23. Rat illi l-kawża ġiet differita għat-23 ta' April 2020 għas-sentenza finali.

24. Rat illi minħabba fl-egħluq tal-Qorti riżultat tal-pandemija Covid-19, is-sentenza ma setgħetx tingħata qabel illum.

## Fatti

25. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-Norient Product Pool, li kienet qed taġixxi bħala Agent tal-bastiment Baltic Wind, fis-7 ta' Ottubru

2014 ordna mingħand is-soċjeta' O.W. Bunker & Trading A/S, konsenja ta' Fueloil u Gasoil illi kellu jitqiegħed fil-bastiment Baltic Wind bejn it-8 u l-10 ta' Ottubru 2014. (fol 62)

26. Jirriżulta illi l-merkanzija kellha tiġi pprovduta mis-soċjeta' rikorrenti Cassar Fuel Limited.

27. Jirriżulta illi permezz ta' Ittra datata 7 ta' Ottubru 2014 (fol 11), is-soċjeta' rikorrenti ikkonfermat ix-xiri ta' tali materjal, li kien qiegħed jinxtara minn O.W. Bunkers Switzerland, u li kellu jitgħabba fuq il-Baltic Wind.

28. Jirriżulta illi l-materjal, ossija 'bunkers' ġew ikkonsenjati lill-bastiment Baltic Wind fit-13 ta' Ottubru 2014, u ġiet iffirmata il-Bunker Delivery Note 021 215. (fol 6)

29. Jirriżulta illi sussegwentement, is-soċjeta' rikorrenti ħarġet Invoice No 021549, illi hija bla data, u li ġiet indirizzata kif ġej: "*jointly and severally owners / managing owners / operations / maniġers / disponent owners / charterers / master and vessel in rem of M/V Baltic Wind, c/o OW Bunker Spain SL*." (fol 5)

30. Jirriżulta illi l-Invoice jindika li l-merkanzija kienet tal-valur ta' $177,737.43. (fol 5)

31. Jirriżulta illi s-soċjeta' OW Bunker, ftit jiem wara, bdiet proċeduri barra minn Malta għall-falliment.

32. Jirriżulta illi fil-11 ta' Novembru 2014, is-soċjeta' rikorrenti permezz ta' email tramite Stephen Cassar, kitbet lil Norient Product Pool u, filwaqt illi għarrfitha dwar il-merkanzija pprovduta w il-fatt illi s-soċjeta' OW Bunker kienet falliet, talbet informazzjoni dwar kif kien ser isir il-ħlas. (fol 112)

33. Jirriżulta illi fl-14 ta' Novembru 2014, Norient Product Pool ApS, tramite Jens Malund Jensen, kitbet lura fejn, filwaqt li talbet informazzjoni ulterjuri, għarrfet lis-soċjeta' rikorrenti illi attwalment il-prodott kien mixtri mingħand OW Bunkers u għalhekk għarrfuha li f'każ illi tħallas is-soċjeta' rikorrenti għal dak mitlub, hija eventwalment xorta waħda kellha tħallas ukoll lil OW Bunkers għall-istess materjal, u dana kien jfisser pagament doppju. (fol 111)

34. Jirriżulta illi, sussegwentement, fit-23 ta' Jannar 2015, is-soċjeta' rikorrenti ħarġet Mandat ta' Arrest tal-bastiment waqt illi kien fl-ibħra Maltin. (fol 7)

35. Jirriżulta illi, eventwalment, fis-26 ta' Jannar 2015, saret ċedola ta' Depositu Nru 11515 fl-ammont ta' €157,707.37 sabiex teħles l-effetti tal-Mandat ta' Arrest fuq il-bastiment.

36. Eventwalment, fl-4 ta' Frar 2015, saret il-kawża odjerna.

37. Jirriżulta illi fil-21 ta' Lulju 2016, fil-mori tad-differiment, wara deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit, is-soċjeta' Norient Product Pool, flimkien mas-sidien tal-bastiment MT Baltic Wind u sidien ta' bastimenti oħra, ħallsu lis-soċjeta' O.W. Bunker & Trading A/S (in administration) kif ukoll is-soċjeta' ING Bank N.V. bħala "Security Agent' l-import ta' varji konsenji ta' fuel mixtrija mingħand O.W. Bunker & Trading A/S fosthom ukoll l-import ta' $178,744.57 rappreżentanti fuel mogħti lil MT Baltic Wind fit-13 ta' Ottubru 2014, ossija dak illi s-soċjeta' qiegħda titlob il-ħlas tiegħu. (fol 198).

**Difiża**

38. Il-Qorti tosserva illi l-unika difiża illi trid tikkunsidra hija dik ippreżentata mill-bastiment MT Baltic Wind, u dana stante illi l-kuraturi għas-soċjeta' O.W.Bunker Spain SL eċċepew illi ma kinux edotti mill-fatti u l-kuraturi għas-soċjeta' O.W. Bunker & Trading A/S u ING Bank N.V. qatt ma ġew debitament notifikati, u għalhekk ma daħħlu ebda difiża.

39. Il-Bastiment MT Baltic Wind qajjmet prinċipalment żewġ difiżi:

a. Il-Qrati Maltin m'għandhom ebda ġurisdizzjoni in rem kontra l-bastiment.
b. L-allegat kreditu pretiż mis-soċjeta' rikorrenti ma huwiex dovut mill-bastiment intimat.

- **Nuqqas ta' Ġurisdizzjoni**

40. Dwar d-difiża illi l-azzjoni intavolata mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikolu 742B (o) tal-Kap 12, il-bastiment Baltic Wind tikkontendi illi l-elementi rikjesti fl-Artikolu 742D sabiex tali dritt ta' azzjoni tirnexxi ma jeżistux, u għalhekk l-azzjoni odjerna qatt ma setgħet issir fil-Qrati lokali.

41. Il-Qorti tosserva illi, a tenur tal-Artikolu 742B (o) tal-Kap 12, il-Qrati Ċivili f'Malta għandhom ġurisdizzjoni in rem kontra vapuri jew bastimenti, fejn jirrigwarda:

> *"kull pretensjoni rigward merkanzija, materjal, proviżjonijiet, bunkers, provvisti u neċessitajiet fornuti lill-vapur għat-tħaddim, immaniġġjar, żamma u manutenzjoni tiegħu;"*

42. Mill-banda l-oħra, sabiex azzjoni abbażi tal-742B (o) tirnexxi, l-Artikolu 742D jirrikjedi illi:

*Ħlief għal dawk il-każijiet li jiġbdu fuqhom privileġġ speċjali skont l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skont l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqgħu jseħħu l-bejgħ volontarju ta'*

*bastiment sa sena wara l-bejgħ, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 742B(d) sa (y), azzjoni in rem tista' ssir fil-Qrati Ċivili ta' Malta kontra –*

*(a) dak il-vapur jew bastiment, fejn il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għal azzjoni in personam ("il-persuna rilevanti") kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid jew noleġġatur ta', jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-vapur jew il-bastiment, jekk fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew sid benefiċjarju ta' dak il-vapur jew in-noleġġatur taħt bareboat charter ta' dak il-vapur;*

*(b) kull bastiment ieħor li tiegħu, fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni, il-persuna rilevanti tkun is-sid jew is-sid benefiċjarju rigward l-ishma kollha f'dak il-bastiment.*

43. Jirriżulta, għalhekk, illi biex azzjoni tkun tista' ssir kontra bastiment, il-persuna responsabbli fi pretensjoni, jew inkella kif aħjar deskritt fit-test Ingliż "*the person who would be liable on the claim for an action in personam*" ikollha ness dirett bħala sid jew noleġġjatur jew persuna fil-pussess tal-bastiment inniffsu.

44. Jirriżulta wkoll illi l-Artikolu 50 (m) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap 234) jikkrea s-segwenti privileġġ:

*Il-flus li jkollhom jieħdu l-kredituri għal proviżjonijiet, ħwejjeġ ta' ikel, armament u armar, qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu:*

*Iżda dan il-privileġġ ma jgħoddx jekk id-dejn ma jkunx ġie magħmul direttament minn sid il-bastiment jew mill-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid;*

45. Kif qalet il-Prim Awla fil-każ Cassar Fuel Ltd vs MV K Dadyli deċiża fit-12 ta' Frar 2015,

> *"Minkejja li l-provvista ta' bunkers per se m'huwiex speċifikament elenkat bħala wieħed minn dawk il-krediti li jattiraw privileġġ speċjali, wieħed jista' jinterpreta li potenzjalment il-provvista ta' bunkers tista' taqa' taħt Artikolu 50(m) u Artikolu 50(g) tal-istess Kap 234."*

46. Jirriżulta, mid-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' rikorrenti, illi l-merkanzija ossija 'fuel' illi l-ħlas tagħha qiegħed issa jiġi mitlub mis-soċjeta' rikorrenti kienet attwalment ġiet akkwistata minn **O W Bunker Switzerland**. (fol 11)

47. Jirriżulta illi s-soċjeta' O W Bunker Switzerland ma għandha ebda ness assolut, la bħala sid, u/jew bħala noleġġjatur u wisq anqas in pussess tal-bastiment MT Baltic Wind, u a dana joħroġ ċar mid-dokumentazzjoni kollha ppreżentata mill-partijiet.

48. Għalhekk, ċertament is-socjeta rikorrenti ma intavolatx il-proċeduri odjerni kontra l-bastiment Baltic Wind stante illi l-Qrati Maltin ma kellhom ebda ġurisidizzjoni kif pprovdut fl-Artikolu 742 B fuq indikat.

49. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ kompetenza mqajjma mill-bastiment MV Baltic Wind timmerita illi tintlaqa’

- **Kreditu mhux dovut mill-bastiment MT Baltic Wind.**

50. Is-soċjeta’ rikorrenti tikkontendi illi l-ħlas tal-materjal ossija ‘fuel’ għandu jitħallas mill-bastiment MT Baltic Wind kif ukoll mis-soċjeta’ O W Bunker Spain SL.

51. Mill-banda l-oħra, il-Bastiment Baltic Wind tikkontendi illi l-materjal kellu jitħallas mis-soċjetà O.W. Bunker & Trading A/S, liema soċjetà, wara li s-soċjeta’ rikorrenti pprovdiet il-materjal, falliet, u kien għalhekk illi s-soċjeta’ rikorrenti nediet il-proċeduri odjerni kontra l-bastiment.

52. Il-bastiment MV Baltic Winds, fost il-provi minnha prodotti, ressqet prova ta’ pagament, illi sar waqt il-mori tal-każ odjern, bis-saħħa ta’ deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit, fejn sar il-ħlas ta’ $178,744.57 lis-soċjeta’ O.W. Bunker & Trading A/S, liema ħlas sar fil-21 ta’ Lulju 2016 (fol 193 sa 200).

53. Jirriżulta illi dina hija prova ċara illi l-bastiment Baltic Winds qatt ma kienet debitriċi tas-soċjeta rikorrenti, iżda, tramite l-aġenti tagħha Norient Product Pool, kienet debitriċi tas-soċjeta’ O.W. Bunker & Trading A/S.

54. Jirriżulta wkoll ċar illi s-soċjeta rikorrenti kellha titħallas tal-materjal, ossija ‘fuel’, mis-soċjeta’ O.W.Bunker & Trading A/S, kif ukoll mis-soċjeta’ O.W. Bunker Spain SL.

55. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni illi l-kreditu ma huwiex dovut mill-bastiment timmerita illi tintlaqa’.

**Konsiderazzjoniiet ulterjuri**

56. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna kienet intavolata oriġinalment kontra s-soċjeta’ estera O.W. Bunker Spain SL, li għaliha ġew appuntati Kuraturi Deputati Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Mario Mifsud Bonnici kif ukoll kontra l-Bastiment Baltic Wind.

57. Jirriċulta illi fil-mori tal-kawża, wara illi l-bastiment ressaq il-provi kollha tiegħu, s-soċjeta’ rikorrenti talbet il-kjamat in kawża tas-soċjeta’ O.W. Bunker Trading A/S u ING Bank NV, liema talba ntlaqgħet fit-12 ta’ Marzu 2018.

58. Jirriżulta wkoll illi, fuq talba tas-soċjeta' rikorrenti, ġew nominati kuraturi sabiex jirrappreżentaw l-istess soċjetà kjamata in kawża.

59. Jirriżulta, madanakollu, illi s-soċjeta' rikorrenti ma għamlet assolutament ebda tentattiv sabiex tinnotifika lill-Kuraturi Deputati u wisq anqas lis-soċjetajiet oriġinalment kjamati in kawża O.W. Bunker Trading A/S u ING Bank NV. Madanakollu, l-istess soċjetà rikorrenti qablet illi l-kawża titħalla għas-sentenza u ppreżentat is-sottomissjonijet tagħha.

60. Il-Qorti għalhekk tqis illi, fin-nuqqas ta' kwalsiasi tentattiv ta' notifika lill-Kuraturi Deputati appuntati għal O.W. Bunker Trading A/S u ING Bank NV, is-soċjeta' rikorrenti ma kellha ebda interess aktar fil-konfront tagħhom, u għalhekk ser tastjeni milli tieħu deċiżjoni fil-konfront tagħhom."

6. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjeta` attriċi Cassar Fuel Limited li permezz tiegħu talbet sabiex tiġi varjata s-sentenza tal-Ewwel Qorti u dan billi:

(i) tvarja l-kap fejn l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijet kollha tal-Bastiment MV Baltic Wind u minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Bastiment MV Baltic Wind;

(ii) tvarja l-kap li permezz tiegħu l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tas-soċjeta` attriċi fil-konfront tal-Bastiment MV Baltic Wind u ċioe`:

(a) tiddikjara li l-Bastiment MV Baltic Wind għandu jagħti lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' USD177,737.43, ekwivalenti għal €157,372 u dan oltre l-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv tas-

somma kollha, kif ukoll l-ispejjeż legali u spejjeż ġudizzjarji għall-mandat ta' arrest 117/15;

(b) tikkundanna lill-Bastiment MV Baltic Wind iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' USD177,737.43, ekwivalenti għal €157,372 u dan oltre l-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha, kif ukoll l-ispejjeż legali u spejjeż ġudizzjarji għall-mandat ta' arrest 117/15;

(iii) tvarja l-kap tal-ispejjeż fejn is-soċjeta` appellanti ġiet ikkundannata mill-Ewwel Qorti sabiex tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji tal-Bastiment MV Baltic Wind u dan billi tikkundanna lill-Bastiment MV Baltic Wind responsabbli għall-ispejjeż kollha tas-soċjeta` appellanti kif mitlub fir-rikors promotur, kif ukoll għall-ispejjeż tal-appell odjern;

(iv) tikkonferma l-bqija tas-sentenza. Bl-ispejjeż.

7. Rat ir-risposta tal-appell ta' Dr. Simon Micallef Stafrace u l-PL Mario Mifsud Bonnici, bħala kuraturi tas-soċjeta` estera O.W. Bunker Spain SL, li permezz tagħha filwaqt li qablu mal-appell imressaq mis-soċjeta` attriċi għar-raġunijiet mogħtija fl-appell, b'referenza għall-Artikolu 240 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) interponew ukoll appell inċidentali. Kwindi talbu lil din il-Qorti

tiddikjara li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi fil-konfront tagħha (*recte*: tal-imsejħa fil-kawża) u fit-tieni lok tiddikjara li s-soċjeta` attriċi ma rnexxilhiex tipprova illi s-soċjeta` O.W. Bunker Spain SL kienet responsabbli għall-ħlas tal-ammont ta' €157,372 u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tagħha billi tiddikjara li O.W. Bunker Spain SL ma kenitx responsabbli għall-ħlas tal-ammont mitlub mis-soċjeta` attriċi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi.

8. Rat ir-risposta tal-appell tal-Avukat Dr. John Bugeja bħala mandatarju speċjali tal-bastiment bl-isem Baltic Wind, għall-appell intavolat kemm mis-soċjeta` attriċi Cassar Fuel Limited, u għall-appell inċidentali ntavolat mill-Kuraturi Deputati li qed jidhru għan-nom tas-soċjeta` O.W. Bunker Spain SL, li permezz tagħha talab li kemm l-appell prinċipali tas-soċjeta` attriċi, kif ukoll l-appell inċidentali tal-Kuraturi Deputati għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` attriċi appellanti Cassar Fuel Limited, inkluż l-ispejjeż relatati maċ-ċedola ta' depożitu b'numru 115/15 u tawtorizzah jiżbanka s-somma depożitata permezz tal-imsemmija ċedola.

9. Rat li waqt is-seduta tal-21 ta' Ġunju, 2022, id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li ser jistrieħu fuq l-atti ppreżentati u għalhekk l-appell ġie differit għas-sentenza.

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

11. Illi dan il-każ jitratta bejgħ u konsenja ta' *fuel oil* da parti tas-soċjeta` attriċi, ekwivalenti għall-valur ta' €157,372. Il-kwistjoni prinċipali bejn il-kontendenti fil-kawża hija min għandu jħallas għal dan il-*fuel oil,* jekk għandux iwieġeb it-talba attriċi għall-ħlas, il-bastiment konvenut li aċċetta l-konsenja, kif jirriżulta mill-*Bunker Delivery Note* (ara Dok. BB a fol. 6 tal-proċess) li tinsab debitament iffirmata mill-kaptan tal-imsemmi bastiment, jew is-soċjeta` konvenuta O.W. Bunker Spain Limited li għamlet l-ordni mas-soċjeta` attriċi, kif jirriżulta mill-*Purchase Order Confirmation* (ara Dok. MB5 a fol. 13 tal-proċess), jew mingħand it-tnejn kif tippretendi s-soċjeta` attriċi, skont il-fattura maħruġa minnha (ara Dok. 'AB' a fol. 5 tal-proċess).

12. Il-bastiment konvenut, filwaqt li jirrileva li din il-kawża tressqet wara li huwa kellu jagħmel ċedola ta' depożitu wara mandat ta' arrest kawtelatorju fl-ammont ta' €157,372 ekwivalenti għall-valur ta' fornitura ta' żejt, iressaq l-eċċezzjonijet li in kwantu l-azzjoni attriċi hija waħda *in rem,* il-Qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni, la skont l-Artikolu 742D tal-Kap. 12 u l-allegata pretensjoni lanqas tgawdi privileġġ speċjali skont

l-Artikolu 50 tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Bastimenti Merkantili). Inoltre l-azzjoni attriċi hija waħda ntiża li tipprova tiġbor dak li huwa dovut lilha mis-soċjeta` O.W. Bunker Spain SL, peress li l-allegat kreditu pretiż qatt ma kien dovut mill-bastiment konvenut, iżda kienet is-soċjeta` O.W. Bunker Spain SL, li topera bħala *bunkering trader* li għamlet l-ordni tal-*bunker* in kwistjoni u mhux bħala aġent tal-bastiment jew tas-sidien tagħha.

13. Mentri l-kuraturi deputati llimitaw ruħhom fir-risposta tagħhom fis-sens li mhumiex edotti mill-fatti u rriservaw li jagħtu risposta motivata, f'każ li jiġu edotti mill-fatti.

14. Fil-mori tal-kawża, il-bastiment ressaq il-prova li tħallsu fost kontijiet oħra li kien hemm pendenti, l-kont rappreżentanti dan il-*bunker* (ara fol. 189 sa fol. 200 tal-proċess) lil O.W Bunker & Trading A/S u ING Bank N.V. skont l-obbligi li jingħad li kellhom kuntrattwalment. Wara dan, is-soċjeta` attriċi talbet is-sejħa fil-kawża tal-istess O.W. Bunker & Trading A/S u ING Bank N.V. Minkejja li l-Ewwel Qorti laqgħet din it-talba u saħansitra ħatret kuraturi deputati, sabiex jirrapreżentaw lil O.W. Bunker & Trading A/S u ING Bank N.V., dawn baqgħu ma ġewx notifikati.

15. L-Ewwel Qorti permezz tas-sentenza tagħha, filwaqt li astjeniet milli tiddeċiedi l-kawża fil-konfront ta' O.W. Bunker & Trading A/S u ING Bank

N.V., laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-bastiment u għalhekk iddeċidiet li ma kellhiex ġurisdizzjoni li tisma' l-każ fil-konfront tal-Bastiment MV Baltic Wind u li fi kwalukwe każ, il-kreditu ma kienx dovut mill-imsemmi bastiment, iżda ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-soċjeta` O.W. Bunker Spain SL. Kwindi filwaqt li ċaħdet it-talbiet attriċi fil-konfront tal-Bastiment MV Baltic Wind, laqgħethom fil-konfront tas-soċjeta` O.W. Bunker Spain SL, kif debitament rappreżentata mill-Kuraturi Deputati u għalhekk ikkundannat lis-soċjeta` O.W. Bunker Spain SL tħallas lis-soċjeta` attriċi €157,372. Bl-ispejjeż kollha jkunu a karigu tas-soċjeta` O.W. Bunker Spain SL, ħlief għall-ispejjeż tal-Bastiment MV Baltic Wind, li jibqgħu a karigu tas-soċjeta` attriċi u bl-imgħax kif mitlub fir-rikors promotur.

16. Is-soċjeta` attriċi ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponiet appell minnha, liema appell prinċipali jissejjes fuq żewġ aggravji prinċipali: (I) dak fejn l-Ewwel Qorti waslet biex laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-bastiment dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni *in rem* tal-Qrati Maltin fil-konfront tal-bastiment MV Baltic Wind; kif ukoll (II) dwar il-mod kif l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tilqa' l-eċċezzjoni tal-bastiment fil-mertu, li l-kreditu pretiż mis-soċjeta` appellanti mhuwiex dovut mill-istess bastiment konvenut u n-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta` appellanti u l-bastiment appellat.

17. Filwaqt li l-appell inċidentali tal-Kuraturi Deputati, li qed jidhru għan-nom tas-soċjeta` O.W. Bunker Spain SL, huwa wkoll imsejjes fuq żewġ aggravji oħra:

(A) li l-Ewwel Qorti żbaljat meta l-ewwel nett astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-każ fil-konfront tas-soċjeta` kjamata in kawża; u

(B) Żbaljat ukoll meta kkundannat lill-appellati (*recte*: appellanti) biex iħallsu l-ammont ta' €157,372 lis-soċjeta` attriċi.

18. Illi jibda billi jiġi trattat l-ewwel aggravju tas-soċjeta` attriċi appellanti, li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li l-Qrati Maltin ma kellhomx ġurisdizzjoni *in rem* fil-konfront tal-bastiment appellat. Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mas-soċjeta` attriċi appellanti meta fl-ewwel aggravju tagħha targumenta li permezz tal-ħruġ tal-Mandat ta' Arrest Kawtelatorju bin-numru 117/15 RGM (*recte*: JRM) ġiet stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin u li ċ-ċedola ta' depożitu ppreżentata mill-istess bastiment kienet prova li l-bastiment issottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Jiġi nnutat li dawn l-argumenti huma ġodda u tressqu biss l-ewwel darba fl-istadju tal-appell. Huwa risaput illi din il-Qorti, bħala waħda ta' reviżjoni, ma tistax teżamina l-mertu ta' kwistjoni *noviter deductus* f'rikors tal-appell. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Jannar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet

**Alfred Spiteri et v. Joseph Cutajar et).** Fi kwalunkwe każ, tajjeb li jiġi mfakkar li fl-istadju ta' ħruġ ta' mandat kawtelatorju, l-livell ta' verifika magħmul mill-Qrati huwa dak ta' *prima facie,* fejn il-proċedura hija waħda sommarja, mentri l-eżami dettaljat tal-vertenza jseħħ meta jkun qiegħed jiġi mistħarreġ il-mertu tal-kawża quddiem il-Qorti. Issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Avukat Edward Fenech Adami noe vs Dottor Ian Refalo et noe** deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' Frar, 1975, (mhix pubblikata) li tghid car u tond li, għall-finijiet ta' ġurisdizzjoni, in-notifika tal-intimat b'att kawtelatorju mhuwiex biżżejjed biex isejjes il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Hekk ukoll, fir-rigward tal-fatt li saret iċ-ċedola ta' depożitu, sabiex il-bastiment ikun jista' jitlaq u ma jitlifx ix-xogħol, ma jfissirx li l-bastiment irrinunzja għal kull dritt li jikkontesta l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, iżda sempliċement għażel l-aktar triq prattika sabiex jiġi rilaxxat l-istess bastiment. Dan ma jsarrafx bħala prova ta' aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin u għalhekk ma kienx hemm xkiel għall-bastiment appellat li jressaq tali eċċezzjoni fil-kawża odjerna.

19. Is-soċjeta` attriċi appellanti tilmenta dwar l-apprezzament tal-provi da parti tal-Ewwel Qorti meta ddeċidiet li m'għandhiex ġurisdizzjoni fil-konfront tal-Bastiment MV Batlic Wind, b'rabta mad-dokument esebit minnha bħala Dok. 'MB 4' (a fol.11 tal-proċess). Dan meta s-soċjeta` attriċi appellanti tikkontendi li l-istess dokument inħareġ indirizzat:"*To Master and/or Owner and/or Charterer of vessel in Rem Baltic Wind,* ***and***

***jointly and severally*** *Owners / Managing Owners / Operations / Managers / Disponent Owners / Charterers / Master* ***and vessel in Rem****"* u liema dokument saħansitra jindika li "*All Bunker deliveries are within Cassar Fuel Ltd Terms and Conditions".* Dan id-dokument jinkludi s-segwenti kliem:

> "*Without prejudice to any seller's other remedies, if the seller does not receive payment in FULL into its nominated bank accounts in the payment date, the buyer and/or the owner of the vessel shall pay interest on any/all outstanding balances...*
>
> ***No disclaimer stamp of any type or form will be accepted on the bunker receipt, nor shoulf any stamp is applied will it alter, change or waive the sellers maritime lien against the vessel or waive the vessel ultimate responsibility for the debt incurred through this transaction, this sale and delivery of maritime fuels. The acceptance of maritime fuels by the vessel names above shall be deemed to constitute acceptance of the said general terms."***

20. Madankollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan mhuwiex biżżejjed sabiex jirradika l-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati, peress li t-test aħħari huwa l-provvediment tal-liġi in eżami. Kif ġustament osservat mill-Ewwel Qorti, wara li ċċitat il-provvedimenti tal-liġi relevanti għall-materja (Artikolu 742B (o) u 742D tal-Kap. 12), għalkemm il-fornitura ta' *bunker* huwa wieħed mill-pretensjonijiet li tirradika l-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati skont l-Artikolu 742(B) (o), dan il-provvediment huwa marbut sfieq mal-provvediment tal-liġi fejn jingħad li sabiex l-azzjoni tkun tista' ssir kontra l-bastiment, il-persuna responsabbli għall-pretensjoni *in personam* meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, kienet is-sid jew is-sid benefiċċjarju tal-ishma kollha f'dak il-bastiment, jew in-noleġġatur taħt *bareboat charter*

jew kellha fil-pussess jew kontroll tagħha dak il-bastiment (Artikolu 742 D). Inoltre, għalkemm l-Artikolu 50(m) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jitratta krediti li jiġu garantiti permezz ta' privileġġ speċjali fuq il-bastiment, jinkludi l-flus li jkollhom jieħdu l-kredituri għal proviżjonijiet qabel it-tluq tal-bastiment qabel l-aħħar vjaġġ tiegħu, għal darb'oħra dan il-privileġġ jgħodd jekk id-dejn ikun magħmul direttament minn sid il-bastiment, jew mill-kaptan jew mill-mandatarju tas-sid. Dawn huma l-provvedimenti tal-liġi relevanti għall-każ in eżami li jirradikaw il-ġurisdizzjoni *in rem* tal-Qrati Maltin. Kwindi l-provi li tressqu mis-soċjeta` attriċi appellanti kellhom ikunu tali li jissodisfaw dawn il-kriterji.

21. Fil-każ in eżami, skont l-istess dokument indikat mill-appellanti bħala 'Dok. MB4', ix-xerrej hemm indikat hija s-soċjeta` O.W Bunker Switzerland. Dan jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Darren Marmara li meta mistoqsi min għamel it-talba għan-nom tal-vapur, iwieġeb (fol. 92) li kienet saret mis-sensal, is-soċjeta` OW Bunker Switzerland SL. Min-naħa l-oħra, Sarah Cassar responsabbli mill-bejgħ tas-soċjeta` attriċi għalkemm ma kenitx personalment involuta fil-bejgħ in kwistjoni, tixhed li l-ewwel talba għall-*fuel* saret kif jirriżulta mid-'Dok. MB4', iżda kienet il-kumpannija OW Bunker Spain li kienet qegħda tikkorrispondi magħhom bħala sensala dwar il-bejgħ tal-*fuel.* Korrispondenza mas-sidien tal-bastiment dwar dan il-bejgħ ta' *fuel* m'għaddietx (ara fol. 97). Mill-aktar relevanti hija l-*Purchase Order Confirmation*, esebita in atti (ara 'Dok. MB 5' a fol.

13) maħruġa minn O.W. Bunker Spain SL fis-6 ta' Ottubru, 2014, fejn hemm indikat il-kont f'isem is-soċjeta` konvenuta, u li ġiet nominata sabiex il-bastiment li kellu jieħu l-fornitura Baltic Wind, jieħu l-konsenja bejn it-8 u l-10 ta' Ottubru, 2014. L-aġent għall-*bunker* huwa ndikat bħala Dimar Shipping Agency. Li ma rriżultax mill-provi hija r-raġuni għala l-konferma tal-bejgħ maħruġa mis-soċjeta` appellanti (Dok. 'MB 4') inħarġet f'isem O.W. Bunker Switzerland u mhux f'isem il-kumpannija konvenuta rappreżentata mill-Kuraturi Deputati. Il-*fuel* in kwistjoni ġie fornit fit-13 ta' Ottubru, 2014, skont il-*Bunker Delivery Note* esebita bħala 'Dok. BB' a fol. 6. Il-fattura li nħarġet mis-soċjeta` attriċi fl-istess ġurnata hija f'isem "*Jointly and severally Owners / Managing Owners / Operations / Managers / Disponant Owners / Charterers / Master and vessel in Rem of m/v Baltic Wind* ***c/o OW Bunker Spain SL****".*

22. Mir-rassenja tal-provi in atti, ċertament ma jirriżultax li la s-soċjeta` O.W Bunker Switzerland u lanqas is-soċjeta` konvenuta OW Bunker Spain SL ma huma s-sidien jew is-sidien benefiċċjarji tal-ishma kollha tal-bastiment in kwistjoni, jew in-nolleġġaturi taħt *bareboat charter,* jew kellhom fil-pussess jew kontroll tagħhom dak il-bastiment skont kif jitlob l-Artikolu 742D. Hekk ukoll, l-argument tal-appellanti li minkejja l-aġenti u s-sensala kollha nvoluti fit-transazzjoni li aġixxew ta' mandatarji fuq struzzjonijiet tal-mandant, u fl-aħħar mill-aħħar il-konsenja ġiet ordnata u saret għall-benefiċċju tal-bastiment konvenut li jibqa' responsabbli

mhuwiex biżżejjed. Għalkemm jirriżulta li l-*bunker* in kwistjoni ġie fornit fit-13 ta' Ottubru, 2014, lanqas jista' jingħad li dan il-*bunker* ġie fornit għat-tluq tal-bastiment b'rabta mal-aħħar vjaġġ tiegħu kif jitlob l-Artikolu 50(m) tal-Kap. 234, wara kollox mill-atti jirriżuta li l-bastiment reġa' daħal Malta f'Jannar tal-2015, meta nħareġ il-mandat ta' arrest.

23. Minkejja l-fatt li s-soċjeta` attriċi appellanti unilateralment ħarġet id-dokument 'MB 4' u l-fattura 'Dok. AB', fejn iżżomm lill-bastiment solidalment responsabbli għall-ħlas tal-*bunker* fornit, dan mhuwiex fil-fehma ta' din il-Qorti, biżżejjed sabiex jirradika fil-Qorti l-ġurisdizzjoni *in rem* meħtieġa skont il-liġi. L-istess jgħodd għall-*Bunker Delivery Note* li nħarġet mis-soċjeta` attriċi appellanti. Għalkemm fil-każ ta' dan l-aħħar dokument jirriżulta ffirmat mill-uffiċjal tal-bastiment Baltic Wind, dan huwa fil-fehma ta' din il-Qorti, fl-aħjar ipotesi prova tal-konsenja li saret, kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem. Kwindi minkejja li din il-Qorti tirriskontra l-iżball tal-Ewwel Qorti meta ngħad minnha f'paragrafu 48 tas-sentenza appellata li "*s-soċjeta` rikorrenti ma ntavolatx il-proċeduri odjerni kontra l-bastiment Baltic Wind",* in kwantu l-proċeduri odjerni saru wkoll fil-konfront tal-bastiment Baltic Wind, din il-Qorti taqbel ma' dak li ngħad mill-Ewwel Qorti li l-Qrati Maltin ma kellhomx ġurisdizzjoni *in rem* fil-każ in eżami u konsegwentement għamlet sew li laqgħet l-istess eċċezzjoni tal-bastiment konvenut.

24. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju, dak fejn is-soċjeta` attriċi appellata ħassitha aggravata bil-fatt li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-kreditu pretiż mhuwiex dovut mill-bastiment konvenut u n-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta` appellanti u l-bastiment appellat. In kwantu l-appellanti tikkontendi li ladarba l-Ewwel Qorti ddeċidiet li ma kellhiex il-ġurisdizzjoni meħtieġa, konsegwentement targumenta li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tidħol fil-mertu u tilqa' tali eċċezzjoni, dan l-argument ma jreġix peress li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni *in rem* tressqet minn, u kienet partikolari għall-bastiment konvenut, kwindi ladarba kien hemm ukoll is-soċjeta` konvenuta bħala parti fil-kawża, l-Ewwel Qorti kellha bilfors tidħol fil-mertu tal-kwistjoni dwar min kien obbligat li jħallas il-kreditu pretiż mis-soċjeta` attriċi.

25. Is-soċjeta` attriċi appellanti fit-tieni aggravju tagħha tisħaq li skont ma jirriżulta mill-*Bunker Delivery Note* (Dok. BB li sar referenza għalih qabel) huwa ċar u inekwivoku li l-*bunker* li hija forniet kien sar direttament lill-bastiment u mhux lil O.W. Bunker Spain SL, li kienet taġixxi biss bħala aġent. Kwindi ttenni li hekk kif l-bastiment aċċetta l-konsenja u ffirma l-*Bunker Delivery Note,* mhux biss inħoloq rapport ġuridiku bejn is-soċjeta` appellanti u l-bastiment konvenut, kif ukoll is-sidien tiegħu, iżda l-bastiment aċċetta wkoll li jkun responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-konsenja tal-*bunker*. In sostenn tal-argument tagħha hija tagħmel referenza estensiva għas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta'

Mejju, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Cassar Fuel Limited v. Il-Bastiment bl-isem Princesa Guasimara et,** li tisħaq li tikkostitwixxi ġudikat, fejn ġie ritenut li l-kontrattazzjoni bejn is-soċjeta` attriċi u l-bastiment konvenut inħolqot proprju meta l-bastiment konvenut iffirma li rċieva l-konsenja permezz tal-*Bunker Delivery Note* u li permezz ta' din l-imsemmija *Bunker Delivery Note* nħolqot relazzjoni ġuridika bejn il-bastiment konvenut, is-sidien tal-bastiment konvenut u s-soċjeta` attriċi, peress li mal-konsenja tal-*fuel oil* ġew aċċettati wkoll it-termini u kondizzjonijiet tal-bejgħ, li fost affarijiet oħra jipprovdu wkoll li r-responsabbiltà għall-ħlas tal-konsenja hija wkoll tal-bastiment konvenut. Dik il-Qorti rriteniet li hija dik ir-relazzjoni ġuridika li tat lok għall-azzjoni *in rem* u li konsegwentement l-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi huwa dovut *in rem* mill-bastiment konvenut. Tilmenta li minkejja li għamlet referenza estensiva għal din is-sentenza quddiem l-Ewwel Qorti, dik l-istess Qorti ma tat l-ebda spjegazzjoni u naqset milli tikkonsidra l-imsemmija sentenza, iżda għaddiet sabiex tagħti deċiżjoni dijametrikament opposta.

26. Jiġi osservat li din il-Qorti hija ben konsapevoli tas-sentenza ċitata mis-soċjeta` appellanti. Iżda daqstant hija konsapevoli ta' sentenzi oħra fejn ġie deċiż ukoll li l-*Bunker Delivery Note* ma toħloq l-ebda relazzjoni ġuridika. Hekk per eżempju s-sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Marzu, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Cassar Fuel Limited v. Il-Bastiment bl-isem UNLU 5,** u dik tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta'

Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Cassar Fuels Limited v. Alpha Trading SpA et.** Għalkemm dawn iż-żewġ sentenzi kienu oriġinarjament appellati, dawn ġew it-tnejn ċeduti, kwindi jitqiesu wkoll bħala sentenzi finali. F'dawn is-sentenzi ġie ritenut li l-*Bunker Delivery Note* hija biss prova tal-konsenja u l-fatt li l-*Bunker Delivery Note* tkun ġiet iffirmata minn rappreżentant tal-bastiment ma jrendix il-bastiment parteċipi fin-negozjati bħala kontraent. (Ara wkoll s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Marzu, 2017, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Cedric Mifsud *nomine* v. Il-Bastiment M.Y. Vicky**).

27. Din il-Qorti ttendi taqbel mal-linja ġurisprudenzjali adottata f'dawn l-aħħar sentenzi ċitati. Dan jingħad peress li l-punt tat-tluq fl-eżami tal-kwistjoni in eżami huwa li l-pretensjonijiet attriċi għall-ħlas tal-*fuel oil* huma bbażati fuq kuntratt ta' bejgħ. "*Il-bejgħ hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti ħaġa lill-oħra bi prezz li din il-parti l-oħra tintrabat li tħallas lilha."* (Artikolu 1346 tal-Kodici Ċivili) Għalhekk filwaqt li l-bejjiegħ jobbliga ruħu li jikkonsenja l-ħaġa, ix-xerrej jobbliga ruħu li jħallas il-prezz miftiehem. Dan il-kuntratt ta' bejgħ fil-każ in eżami seħħ bejn is-soċjeta` attriċi u s-soċjeta` konvenuta O. W. Bunker Spain SL, kif jirriżulta mill-*Purchase Order Confirmation* (Dok. 'MB5') u mix-xhieda tal-istess Sarah Cassar, in rappreżentanza tas-soċjeta` attriċi. Minkejja li din ix-xhud tiddeskrivi s-soċjeta` konvenuta bħala "*sensala għal bejgħ ta' fuel*", meta mistoqsija jekk kenitx tikkorrispondi mas-sidien tal-bastiment hija wieġbet

fin-negattiv u spjegat li f'dan il-bejgħ is-soċjeta` attriċi kienet qegħda tikkorrispondi biss mas-soċjeta` konvenuta! Il-liġi tipprovdi wkoll li ladarba jsir ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, il-bejgħ huwa perfett (Artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili). Kwindi hekk kif inħarġet il-*Purchase Order Confirmation* fis-6 ta' Ottubru, 2014, il-bejgħ kien perfett. Ġaladarba l-bejgħ kien perfett hekk kif is-soċjeta` konvenuta kkonfermat il-prodott u l-prezz tal-*fuel oil,* filwaqt li s-soċjeta` attriċi bħala venditriċi wettqet l-obbligu tagħha tal-konsenja tal-*bunker* skont l-imsemmi ftehim, is-soċjeta` konvenuta baqgħet ma wettqitx l-obbligu tagħha tal-ħlas pattwit li mill-istess dokument jirriżulta li kellu jsir " *Within 30 days from date of delivery against a hard copy invoice."*

28. Il-Kodiċi Ċivili jipprovdi wkoll permezz tal-Artikolu 1001 li l-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal ħaddieħor, ħlief għal każijiet li tgħid il-liġi, provvediment li jirrifletti l-prinċipju *res inter alios acta.* Dan ifisser li ladarba l-bejgħ ġie perfezzjonat fis-6 ta' Ottubru, 2014, kull dokument maħruġ unilateralment mis-soċjeta` attriċi wara din id-data, sabiex tittanta torbot lill-bastiment u lil sidu bir-responsabbilta` solidali għall-ħlas, mingħajr il-kunsens espress tal-istess, ma jistax jingħad li joħolqu relazzjoni ġuridika. Wisq inqas jistgħu jirradikaw il-ġurisdizzjoni *in rem* ladarba ma ġewx riskontrati l-elementi meħtieġa skont il-liġi, kif spjegat qabel. Isegwi li lanqas il-*Bunker Delivery Note* iffirmata mir-rappreżentant

tal-bastiment ma jista' jingħad li ħolqot l-ebda relazzjoni ġuridika, kif tikkontendi l-appellanti, peress li l-bastiment (u s-sidien tiegħu) tabilħaqq qatt ma kienu parti min-negozju bejn is-soċjeta` attriċi u dik konvenuta. Kwindi din il-Qorti taqbel ma' dawk is-sentenzi li fihom jingħad li din il-*Bunker Delivery Note* għandha titqies biss bħala prova tal-konsenja u mhux bħala prova ta' rabta kuntrattwali.

29. Sa fejn l-appellanti tilmenta li meta l-Ewwel Qorti qieset il-prova tal-pagament li l-bastiment għamel favur O.W. Bunker & Trading A/S, tajjeb li jingħad li din il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti saret fl-isfond li fil-każ tal-bastiment Baltic Wind, is-sidien tiegħu nkarigaw lil Norient Product Pool bħala aġenti sabiex takkwista l-*fuel oil* u din tal-aħħar jingħad li akkwistat il-*bunker* mingħand O.W. Bunker & Trading A/S. Fil-fatt mill-korrispondenza esebita mill-istess bastiment konvenut, din is-soċjeta` O.W Bunker & Trading A/S hija ndikata bħala l-venditur (ara fol. 107 u fol. 144). Isegwi li l-kuntratt ta' bejgħ fejn ġie pattwit l-oġġett u l-prezz u għalhekk ir-relazzjoni kuntrattwali fil-każ tal-bastiment kienet mal-istess O.W Bunker & Trading A/S. Din tal-aħħar innominat lis-soċjeta` attriċi sabiex tipprovdi l-*bunker* lill-bastiment. Isegwi li mhix barra minn lokha l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li s-sidien tal-bastiment wettqu l-ħlas ta' $178,744.57 għall-*bunker* fil-mori tal-kawża, meta ġew interpellati (ara fol. 159) għall-ħlas fuq deċiżjoni tas-*Supreme Court* tar-Renju Unit, (ara fol. 163 *et. seq*.) fejn ġie kkonfermat li l-obbligu tas-sidien tal-bastiment

għall-ħlas tal-bunkers huwa biss versu O.W. Bunker (jew il-bank nominat bħala *Security Agent* għalihom). Għalhekk għandu raġun il-bastiment appellat meta fir-risposta tiegħu jilmenta li spiċċa ħallas darbtejn fid-dawl taċ-ċedola ta' depożitu 115/15 li għamel bħala garanzija għall-mandat ta' arrest fil-konfront tal-bastiment u għalhekk kunsidrat li dan it-tieni aggravju tas-soċjeta` attriċi appellanti wkoll ma jimmeritax li jintlaqa' u ser tiġi kkonfermata s-sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn ħelset lill-bastiment konvenut mit-talbiet attriċi, għandu dritt li jitlob ir-rilaxx. Madankollu, dan l-iżbank għandu jsir wara li jiġi ntavolat ir-rikors opportun fl-atti taċ-ċedola tad-depożitu in kwistjoni.

30. Lanqas jagħmel sens l-aħħar punt tat-tieni aggravju tas-soċjeta` attriċi appellanti meta tittanta tiġġustifika l-fatt li m'għamlet l-ebda tentattiv sabiex tinnotifika lill-Kuraturi Deputati u s-soċjetajiet kjamati in kawża minnha, jiġifieri, O.W. Bunker & Trading A/S u ING Bank NV, fid-dawl tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Mejju,2018, fil-kawża fl-ismijiet **Cassar Fuel Limited v. Il-Bastiment bl-isem Princesa Guasimara et.** Proprju fid-dawl tas-sentenzi ċitati qabel, li f'ċirkostanzi simili ma qisux li kellhom il-ġurisdizzjoni *in rem*, kif ukoll fiċ-ċirkostanzi fejn irriżulta li s-sidien tal-bastiment kienu wettqu l-ħlas għall-*bunker* in kwistjoni favur O.W. Bunker Trading A/S u ING Bank NV, kien ikun għaqli li l-appellanti ssegwi t-talba tagħha stess għas-sejħa fil-kawża bin-

notifiki opportuni. Għalhekk l-appell prinċipali tas-soċjeta` attriċi ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jiġi miċħud.

31. Imiss li jiġi trattat l-appell inċidentali tal-Kuraturi Deputati għas-soċjeta` estera O.W. Bunker Spain SL. Fl-ewwel aggravju tal-Kuraturi Deputati jingħad li l-Ewwel Qorti żbaljat meta astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-każ fil-konfront tas-soċjeta` kjamata in kawża, peress li kellha fl-ewwel lok tirrevoka *contrario imperio* s-sejħa fil-kawża u mhux tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-każ fil-konfront tal-imsejħa fil-kawża minħabba nuqqas ta' notifika jew attentat ta' notifika. Jingħad ukoll li għalkemm huwa ġust li l-imsejħa fil-kawża jiġu protetti ġaladarba ma kenux notifikati, peress li jekk kellhom xi difiża għall-azzjoni, ma kellhomx l-opportunita` jressqu tali difiża, iżda jsostnu li l-Ewwel Qorti kellha jew tinsisti mas-soċjeta` attriċi li jew tagħmel attentat ta' notifika jew tirrevoka d-digriet tagħha fejn ordnat is-sejħa fil-kawża minħabba proprju nuqqas ta' attentat ta' notifika, jew f'każ ta' problema li jiġu notifikati, jiġu notifikati l-kuraturi deputati. Fil-fehma tal-appellanti nċidentalment dawn kienu t-tliet possibiltajiet legali miftuħa għall-Qorti.

32. Jibda billi jiġi osservat illi l-iskop tas-sejħa fil-kawża, mhuwiex sempliċement miżura sabiex titnaqqas il-possibilita` li jkun hemm numru ta' kawżi, imma wkoll sabiex jiġi żgurat li min hu interessat ikun parti mill-kawża u sa fejn jista' jiġi milqut bl-eżitu tal-kawża, jiġi akkordat l-

opportunita` li jiddefendi ruħu. Kif ingħad minn din il-Qorti fil-kawża **Joseph Riolo *pro et nomin*e v. Carmel Muscat et** deċiża fil-15 ta' Marzu, 1991:

> *"L-istitut (tal-kjamat fil-kawza) jaqdi diversi funzjonijiet procedurali,principalment:*
>
> *"(a) dak li jintegra gudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jigu mharrka u xi whud minnhom jithallew barra.*
>
> *"(b) Dak li jissalvagwardja d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni gudizzjarja u li aktarx ggib warajha azzjoni ohra bhala konsegwenza taghha……".*

Kunsidrati l-provi u l-iżviluppi fil-mori tal-kawża (ara paragrafu 29), is-soċjeta` attriċi appellanti kellha kull interess li titlob is-sejħa fil-kawża ta' O.W. Bunker & Trading A/S u ING Bank NV, kif fil-fatt għamlet (ara fol. 226). L-Ewwel Qorti permezz tad-digriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2018, laqgħet it-talba għas-sejħa fil-kawża, kif ukoll it-talba li jinħatru Kuraturi Deputati għan-nom tal-imsejħa fil-kawża. Huwa ċar li l-obbligu li ssegwi n-notifika tal-imsejħa fil-kawża kienet tispetta lis-soċjeta` attriċi, bħala l-parti li talbet li ssir l-istess sejħa fil-kawża. Iżda minkejja diversi differimenti, s-soċjeta` attriċi ma għamlet l-ebda tentattiv ta' notifika lill-imsejħa fil-kawża u fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2019, id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawża tista' titħalla għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub u eventwalment għas-sentenza.

33. Tajjeb li jiġi mfakkar li l-kawża hija tal-partijiet u mhux tal-Qorti. Ħadd mill-partijiet ma ġibed l-attenzjoni tal-Ewwel Qorti kif diversament

preseduta, li kien għad hemm pendenti tali notifika tal-imsejħa fil-kawża. Għalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti, setgħet jew tordna li ssir in-notifika tal-imsejħa fil-kawża, jew tirrevoka *contrario imperio* d-digriet preċedenti tagħha fejn laqgħet it-talba għas-sejħa fil-kawża, fin-nuqqas, l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tgħaddi għal xi forma ta' ġudikat fil-konfront tal-imsejħa fil-kawża li sa dak l-istadju lanqas kienu biss notifikati. Għalhekk din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura bil-fatt li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiddeċiedi l-kawża fil-konfront tal-imsejħa fil-kawża, sabiex b'hekk ma ġewx ippreġudikati l-interessi tal-partijiet. Għalhekk dan l-aggravju fih innifsu ma jimmeritax li jiġi milqugħ.

34. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju, dak fejn il-Kuraturi Deputati jsostnu li s-soċjeta` konvenuta appellata ma kellhiex tiġi kkundannata tħallas l-ammont mitlub, iżda li kellha tiġi kkundannata s-soċjeta` kjamata in kawża. Filwaqt li jisiltu numru ta' dokumenti esebiti in atti, jsostnu li d-dokumentazzjoni kollha tgħajjat lis-soċjeta` O.W. Bunker & Trading A/S u għalhekk is-soċjeta` konvenuta ma setgħet qatt tiġi kkundannata tħallas l-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi peress li mill-bidu nett kienu ssemmew biss il-bastiment u O.S. Bunker Switzerland, kif jirriżulta mill-fattura a fol. 11 u mid-*delivery order* a fol. 6.

35. Għandu jingħad li dan l-aħħar aggravju wkoll ma jreġix. Kif spjegat qabel, il-*Purchase Order Confirmation* (Dok. 'MB5' a fol. 13) datata 6 ta'

Ottubru, 2014, inħareġ mis-soċjeta` konvenuta li permezz tiegħu ġiet radikata r-relazzjoni kuntrattwali ta' bejgħ bejn is-soċjeta` attriċi u s-soċjeta` konvenuta. Id-dokument 'MB 5' a fol. 11 mhuwiex fattura, iżda kif spjegat qabel huwa dokument maħruġ mis-soċjeta` attriċi unilateralment, fejn hija tittanta torbot *inter alia* lis-sidien tal-bastiment u lill-istess bastiment bħala solidalment responsabbli għall-ħlas tal-konsenja pattwita li kellha ssir bejn it-8 u l-10 ta' Ottubru, 2014 u mhux fil-11 ta' Ottubru, 2014 kif jingħad mis-soċjeta` konvenuta appellanti. Fir-rigward tal-*Bunker Delivery Note* (Dok. BB esebit a fol. 6), minnha jirriżulta li l-konsenja tal-*bunker* lill-bastiment konvenut saret fit-13 ta' Ottubru, 2014. Jiġi ribadit li dan id-dokument huwa meqjus biss bħala prova tal-konsenja u ma jirradikax relazzjoni ġuridika. Is-*Sales Order Confirmation* datata 7 ta' Ottubru, 2014, esebita a fol. 144, tikkonferma biss li r-relazzjoni kuntrattwali ta' bejgħ ta' *bunker,* din id-darba bejn O.W. Bunker & Trading A/S li hija ndikata bħala l-venditriċi u Norient Product Pool li kienet l-aġent tas-sidien tal-bastiment konvenut, li ssaħħaħ dak li ngħad qabel, li l-obbligu tas-sidien tal-bastiment għall-ħlas tal-*bunkers* kien versu O.W. Bunker & Trading A/S. L-istess jingħad għall-bqija tad-dokumentazzjoni elenkata mis-soċjeta` konvenuta appellanti, li ma tagħti l-ebda fejda għat-teżi tas-soċjeta` konvenuta. Isegwi li dan it-tieni aggravju huwa wkoll bla bażi u għalhekk ser jiġi wkoll miċħud in kwantu s-soċjeta` konvenuta għandha tirrispondi għall-pretensjonijiet attriċi għall-ħlas.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, tiddisponi kemm mill-appell prinċipali tas-soċjeta` attriċi appellanti, kif ukoll mill-appell inċidentali tal-Kuraturi Deputati għas-soċjeta` konvenuta O.W. Bunker Spain SL, billi tiċħad l-istess u tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Ġunju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjeż tal-prim' istanza jibqgħu kif deċiż mill-Ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell prinċipali jibqgħu a karigu tal-istess soċjeta` attriċi Cassar Fuel Limited, u l-ispejjeż tal-appell inċidentali jibqgħu a karigu tas-soċjeta` konvenuta. O.W. Bunker Spain SL.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
da